MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-4 ta' Awwissu, 2010

Numru 549/2009

Il-Pulizija
(Spettur Joseph Mercieca
Spettur Malcolm Bondin)

vs

Jonathan Felice
-omissis-

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 389288M, akkuzat talli nhar is-7 ta' Gunju 2009, ghal habta tas-2.30 p.m., fi Triq id-Dielja, Qormi:

1. bil-hsieb li jaghmel delitt ta' serq minn fond nru. 45, Hacienda, wera dan il-hsieb b'atti esterni li taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit

minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu u li kieku gie esegwit kien ikun serq aggravat bil-mezz, bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disa' u ghoxrin Ewro u seba' u tlettin centezmu (€2329.37) u bil-lok;

2. volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew imobbli, u cioè bieb ta' barra tal-fond nru. 45, Hacienda, liema hsara ma tiskorriex l-elf mija u erba' u sittin Ewro u disa' u sittin centezmu (€1164.69) izda aktar minn mija u sittax-il Ewro u seba' u erbghin centezmu (€116.47), ai termini ta' l-Artikolu 325(1)(b) tal-Ligijiet ta' Malta, liema hsara saret ghad-dannu tal-koppja Azzopardi u/jew ta' persuni ohra;

3. omissis

4. rrenda ruhu recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9, permezz ta' diversi sentenzi mill-Qrati Maltin liema sentenzi saru definittivi u li ma jistghux jigu mibdula.

5. naqas li josserva xi kundizzjoni imposta fuqu mill-Qorti fid-digriet taghha li bih huwa nghata l-helsien mill-arrest u cioè talli kkommetta delitt, li ma kienx wiehed involontarju, fil-kors ta' zewg digrieti vigenti tal-Qorti rigwardanti helsien mill-arrest u cioè wiehed data 15 ta' Frar, 2008 moghti mill-Magistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. u iehor data 8 ta' April, 2009 mill-Qorti Kriminali preseduta mis-S.T.O. Prim Imhallef Vincent DeGaetano LL.D.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.
Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni baqa' jinsisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Ikkonsidrat:

L-imputat permezz tal-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tieghu qieghed jammetti ghall-attentat ta' serq li fis-7 ta' Gunju 2009 gie ttentat mill-fond 45, Hacienda, Triq id-Dielja, Qormi, li kieku esegwit kien ikun aggravat bil-mezz u valur, ta' hsara volontarja maghmula

fl-istess fond ossia l-bieb principali tieghu, li huwa recediv u oltre naqas li josserva kundizzjonijiet imposti fuqu marbuta mal-helsien mill-arrest.

Mill-fedina penali tal-imputat hu riskontrabbli li huwa ghandu precendenti ta’ serq, kif ukoll ta’ hsara volontarja. Madanakollu, il-Qorti hi tal-fehma li ghandha tikkoncedilu imqarr l-ahhar opportunita’ biex jirriforma ruhu konsiderat l-eta’ zghira tieghu b’hekk ukoll li tkun koerenti mas-sentenza taghha kontra l-ko-imputat.

Ghaldaqstant, taqta’ u tiddeciedi, li fuq ammissjoni ssib l-imputat hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu. Wara li rat l-Artikoli 261(b)(c)(e), 264, 267, 269(g), 325(1)(b), 49, 50 u 17(h) tal-Kap 9 u l-Artikolu 23 tal-Kap 446 tikkundannah multa ta’ €500 u tpoggih taht ordni ta’ probation ghall-perjodu ta’ tlett snin mill-lum bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tac-citat Kap 446. Fir-rigward il-multa tikkoncedi li l-imputat ihallasha b’ammonti ta’ kull xahar ta’ €25 dekorribbli zmien xahrejn wara li l-imputat ikun skonta piena ta’ prigunerija li fil-prezent qieghed jiskonta, bid-dekadenza anka f’pagament ta’ rata wahda.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabbilitajiet tieghu skond is-sentenza.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------